MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2307/2004

**The Lawn Company Ltd. (C-14430)**

**vs**

**Pauline k/a Lilian Pugliesevich (ID6253M) u Joseph Pugliesevich**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u sitt liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm606.41), rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Novembru, 2004 u bl-imghaxijiet legali kontra konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-kovenuta Pauline Pugiesevich prezentata fit-22 ta' Dicembru, 2004 fejn intqal illi l-ammont huwa dovut pero` l-partijiet ghandhom ftehim illi l-hlas isir b'pagamenti rateali kif dejjem sar ghall-ahhar sentejn u ghalhekk hija dejjem ibbenefikat minn pagamenti rateali. Ghalhekk m'ghandiex tkun responsabbli ghall-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Ray Caruana u Pauline Pugliesevich. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti.**

**Ikkunsidra:**

**1. Mir-risposta jirrizulta li l-kontestazzjoni f'dan il-kaz tirrigwarda l-ispejjez tal-kawza, peress illi hu ammess li l-ammont mitlub huwa dovut.**

**2. L-attur jammetti li kien hemm ftehim sabiex il-hlas isir ratealment, pero` innota li l-konvenuti kienu waqghu lura fil-pagamenti. L-attur kien johrog invoices kull xahar. Jidher li gara li minhabba l-bidla fir-rata tal-VAT, l-attur kien qal lill-konvenuta li ma kienx ser jibqa' johrog invoices kull xahar u li kien ser johrog ammont shih qabel il-bidla ghar-rata ghola tal-VAT.**

**3. Da parti taghha il-konvenuta tikkonferma li kien hemm il-ftehim sabiex thallas kull xahar.**

**4. Ghalhekk tenut kont li kien hemm ftehim sabiex il-hlasijiet isiru b'certa modalita`, ma setghax dan il-ftehim unilaterlament, jigi terminat, anke jekk il-ftehim kien verbali. Mil-lat l-iehor il-konvenuti messhom hallsu fil-hin biex jigu evutati proceduri bhal dawn prezenti. Ma hemmx dubbju li l-ammont mitlub huwa dovut, pero` dwar l-ispejjez it-Tribunal fic-cirkostanzi hu tal-fehma li dawn ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet ghax kull parti naqset xi ftit fl-obbligi taghha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sitt liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm606.41) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanzi, ghandhom jigu sopporatati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------